MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 898/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited numru ta' Registrazzjoni tal-Kumpanija C5637 bhala agenta f'Malta ta' Societa Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni – SIAT, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mariosa Cilia, u ghal kull interess li jista' jkollha Mariosa Cilia**
**vs**

**Michael Bonnici, Raphael Louis Bonnici u Bertrand Bonnici U is-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited bhala s-socjeta' assikuratrici koncernata skond il-ligi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' April, 2005 fejn intalab li l-konvenuti jew minn minnhom jigu kkundannati ihallsu l-ammont ta' mitejn u wiehed u erbghin lira Maltija u disghin centezmu**

**(Lm241.90) rapprezentanti hsarat sofferti fil-vettura MAR-495, b' konsegwenza tal-fatt illi din giet danegata mill-vettura LAM-218, misjuqa mill-konvenuti jew xi hadt minnhom waqt illi l-attrici kienet ipparkjata fit-Triq l-Imdina, Zebbug, Malta fl-14 at' Dicembru, 2003; u ntalab ukoll illi s-socjeta assiguratrici Elmo Insurance Agency Limited tkun ikkundanata taghmel tajeb ghal dawn l-ispejjez bhala "kumpanija assiguratrici koncernata" f'kaz illi ma jigix stability minn mit-tlett konvenuti l-ohra jew minn terzi kien qed isuq l-vettura ALM-218 fil-mument tal-incident de quo.**

**Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Ottubru, 2004 u bl-ingunzzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti Bonnici pprezentata fis-17 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi lalegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt, stante li lalegat incident ma sehhx tort tal-konvenuti u hadt minnhom ma kellu x'jaqsam mal-incident. Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.**

**Seghma x-xhieda ta' Marco Cilia, PS487 Ruben Balzan, Alfred Gatt, Philip Zammit, Raphael Bonnici u Michael Bonnici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jirtrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz qed isir ghal danni subiti fil-vettura MAR-495 allegatament kagunati mill-vettura LAM-218 misjuqa minn wiehed mill-konvenuti.**
**2. L-incident sehh fl-14 ta' Dicembru, 2003.**
**3. In sostenn ta' dak li qed jghid Marco Cilia r-ragel tal-attrici qal illi l-vettura tieghu kienet ipparkjata quddiem il-garaxx u sab grif fuq gemb minnhom. Skond hu sab zebgha hadra u jghid illi din tikorispondi maz-zebgha tal-karozza tal-konvenuti. L-istess Cilia meta sab id-danni halla nota lil Michael**

**Bonnici biex jikuntatjah. Skond Cilia l-girfa li sab fuq il-bieba tikkorispondi ma bocca li ghandu l-konvenut fuq il-bumper tan-nikil tieghu.**

**4. Raphael Bonnici l-konvenut f'din il-kawza iben Michael Bonnici, qal illi ma setatx kienet il-vettura taghhom illi kkawzat il-hsara peress illi dak iz-zmien kienet ghamlet xi granet ghand it-tillar.**

**5. Michael Bonnici jiftakar ukoll illi kien f'Dicembru illi l-karozza kienu hadwha ghand it-tillar, u jghid ukoll illi dak iz-zmien il-karozza ma kienetx f'sura li timxi.**

**6. Jigi rilevat ukoll illi Raphael Bonnici spjega illi hemm aktar garaxxijiet f'dak il-lokal. Irrizulta wkoll illi hemm hekk hemm ukoll garaxx ta' persuna illi jahdem fuq karozzi u ghalhekk ikun hemm diversi karozzi hemm hekk.**

**7. Skond ir-road accident report esebit saru investigazzjonijiet min PC 509 Pace u dan stabilixxa li kien hemm daqqiet kompatbbili bejn iz-zewg vetturi. Pero' innota wkoll illi dawn innegaw illi laqtu l-vettura tal-attur. Jigi rilevat illi dan ma xhedtx.**

**8. Ghalhekk mill-provi mismugha ma hemmx provi sufficenti li juru illi kienet il-vettura tal-konvenuti li kkawzat id-danni, in kwantu jidher illi fil-jiem in kwistjoni l-vettura tal-konvenuti lanqas ma kienet qed tintuza, kif ukoll minhabba illi kien hemm diversi vetturi ohra juzaw il-lokal. Jigi rilevat illi r-rapport tal-Pulizija ma giex konfermat fil-waqt illi r-ritratti esebiti ma humiex tant cari li jistu jservu bhala evidenza biex wiehed jghid li d-danni effetivamnet saru mill-vettura tal-konvenuti. Min jallega jrid jipprova, u suspett biss ma hux sufficenti biex jikkostitwixxi prova gjaladarba ma jkunx fondat u wisq inqas pruvat.**

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad t-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------